MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2005

Talba Numru. 2072/2004

**Olivia Bartoli**
**vs**
**Abderrazak Zribi**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiiet premessi prezentat fit-3 ta' Novembru, 2004 fejn intalab il-hlas tas-somma ta' tlett mitt lira Maltija (Lm300) u fejn intqal :**

**1. Illi l-attrici (kunjomha Delia qabel ma zzewget ricentament lil Harold Bartoli) tikri lill-konvenut il-Flat 5, 186 Balluta Bay House, Triq Manwel Dimech, Sliema (San Giljan) bil-kera ta' tletin lira Maltin (Lm30) fix-xahar.**

**2. Kien hemm zmien meta l-attrici m'accettatx il-kera minghand il-konvenut u dana beda jaghmel cedoli ta' depozitu fil-Qorti u anke jibghat kera permezz ta' cheques tal-avukati tieghu li l-attrici pero` qatt ma sarrfet.**

**3. Wara xi zmien l-attrici bdiet taccetta l-kera u pprocediet biex tirtira l-flus li kien hemm depozitati l-Qorti u ssarraf ic-cheques tal-avukati tal-konvenut li kienet irceviet. Hija pero` ma rcivietx il-kera ghax-xhur ta' Settembru 1999, Frar, Gunju, Ottubru 2000 ; April, Novembru, Dicembru 2001 ; Jannar, Mejju, Gunju 2002. Din il-kera tammonta ghal tlett mitt lira Maltin (Lm300).**
**4. L-attrici ghalhekk baghtet ittra legali fit-13 ta' Novembru, 2003 lill-konvenut fejn interpellatu jhallas il-kera dovut izda ghal ta' xejn billi kien ippretenda li kien hallas, haga li naqas li jipprova, kif inhu obbligu tieghu legali li jipprova.**
**5. Ghaldaqstant l-attrici titlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallasha l-imsemmija somma ta' tlett mitt lira Maltin (Lm300) kera tal-fond fuq imsemmi dovut skond m'inghad fuq ghax-xhur fuq indikati, u dana bl-imghax ta' 8% fis-sena u bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri (komprizi dawk tal-ittra legali fuq imsemmija) kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenuta prezentata fit-8 ta' Marzu, 2005, fejn intqal illi l-amonti mitluba gew kollha mhallsa u dan kif ser jigi ppruvat waqt is-smigh tal-kawza.**

**Semgha x-xhieda ta' Olivia Bartoli. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra :**
**1. illi l-attrici qed titlob il-hlas ta' tlett mitt lira kera fuq il-fond il-Flat 5, 186 Balluta Bay House, Triq Manwel Dimech, Sliema li tikri lill-konvenut bil-kera ta' tletin lira Maltin (Lm30) fix-xahar.**
**2. Skond l-attrici kein hemm kera ta' ghaxar skadenzi sa Mejju, 2003 li ma kienux thallsu, u dana skond prospett Dok OB. Id-Dok H juri bic-car l-iskadenzi li ma thallsux.**
**3. Il-konvenut da parti tieghu ma ressaqx provi.**
**4. Ghalhekk mix-xhieda u dokumentazzjoni jirrizulta li l-ammont mitlub huwa fil-fatt dovut.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici, u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' tlett mitt lira Maltin (Lm300) bl-imghax legali mit-3 ta' Novembru, 2004.**
**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra legali tat-13 ta' Novembru, 2003, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------